

Brussell, 8 ta' April 2016  
(OR. en)

7645/16

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2015/0313 (COD)**

---

**FRONT 160**  
**MAR 109**  
**CODEC 383**  
**COMIX 262**

### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kumitat Imħallat
fi:	6 ta' April 2016
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima - Mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew

---

Fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' April 2016, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar il-mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew kif jinsab fl-Anness.

Il-bidliet fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni huma indikati b'tipa sottolinjata u bi [...].

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà  
Marittima

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

---

<sup>1</sup> ĠU C ..., ..., p. ....

Billi:

- (1) L-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta huma responsabbli għal firxa wiesgħa ta' kompiti, li jistgħu jinkludu s-sikurezza marittima, is-sigurtà, it-tiftix u s-salvataġġ, il-kontroll fuq il-fruntieri, il-kontroll tas-sajd, il-kontroll doganali, l-infurzar tal-liġi ġenerali u l-ħarsien tal-ambjent. Għaldaqstant, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera [...], l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, fi ħdan il-mandat tagħhom, kemm bejniethom, kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta biex iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-qagħda marittima u biex jappoġġaw azzjoni koerenti u kosteffikaċi.
- (1a) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ma taffettwax id-diviżjoni tal-kompetenza bejn l-Unjoni u l-Istati Membri jew l-obbligi tal-Istati Membri skont il-konvenzjonijiet internazzjonali bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi, il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara u strumenti marittimi internazzjonali rilevanti oħra.
- (1b) Sabiex ikun possibbli appoġġ effiċjenti u effettiv għall-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, l-Aġenzija għandha tagħmel użu mill-aktar teknoloġija avvanzata disponibbli, bħas-sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod.
- (1c) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2a<sup>1</sup>, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4. L-Aġenzija għandha tikkoopera mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera [...] u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, kull waħda fi ħdan il-mandat tagħha, biex tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali jwettqu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, kif jinsab fl-Artikolu 2b:

(a) billi tipprovdi servizzi, informazzjoni, tagħmir u taħriġ, kif ukoll

(b) billi tikkoordina operazzjonijiet bi skopijiet multipli.

Tapplika t-tieni sentenza tal-paragrafu 1.”

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 2b li ġej:

“Artikolu 2b

Kooperazzjoni Ewropea b’appoġġ għall-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta

1. F’kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera [...] u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, l-Aġenzija għandha tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali biex iwettqu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni, u meta xieraq, fil-livell internazzjonali billi:

(a) taqsam, tgħaqqad u tanalizza l-informazzjoni disponibbli fis-sistemi ta' rappurtar tal-bastimenti u f'sistemi ta' informazzjoni oħra miżmuma mill-aġenziji jew li l-aġenziji għandhom aċċess għalihom, f'konformità mal-bażijiet ġuridiċi rispettivi tagħhom u mingħajr preġudizzju għas-sjieda tad-data mill-Istati Membri;

---

<sup>1</sup> Riżerva tal-Kummissjoni.

(b) tipprovdi servizzi ta' sorveljanza u ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-aktar teknoloġija avvanzata, fosthom infrastruttura bbażata fl-ispazju u fuq l-art u sensuri mwaħħla ma' kwalunkwe tip ta' pjattaforma;

(c) tibni l-kapaċitajiet billi toħloq linji gwida, rakkomandazzjonijiet u l-aqwa prattiki kif ukoll billi tappoġġa t-taħriġ u l-iskambju tal-persunal, bil-ħsieb li jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, b'kont meħud tal-inizjattivi rilevanti f'dan il-qasam;

(d) tikkondividi l-kapaċitajiet permezz tal-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet bi skopijiet multipli u l-kondiviżjoni ta' assi u kapaċitajiet oħra, sal-punt li dawn ikunu koordinati mill-aġenziji, **bil-qbil tal-Istati Membri kkonċernati**<sup>1</sup>.

2. Il-modalitajiet tal-kooperazzjoni dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta tal-Aġenzija mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera [...] u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandhom jiġu stabbiliti f'arranġament ta' xogħol, skont il-mandati rispettivi u r-regoli finanzjarji li japplikaw għall-aġenziji. Arranġament bħal dan għandu jkun approvat<sup>2</sup> mill-Bordijiet Amministrattivi tal-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u l-Bord ta' Ġestjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera [...].

3. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-Aġenzija u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera [...] u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, tagħmel disponibbli manwal prattiku dwar il-kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, li jkun fih linji gwida, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki għall-iskambju ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-manwal fil-forma ta' rakkomandazzjoni.”

---

<sup>1</sup> Riżerva tal-Kummissjoni.

<sup>2</sup> Riżerva tal-Kummissjoni.

Artikolu 2

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---